# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.M. (IMLI), LL.D.

**Illum it-Tlieta, 10 ta' April 2018**

**Fl-atti tal-kawza**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Matthew Vella)**

**Vs**

**Klinsmann Grech**
**Deciza 01.03.2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja illi bih l-istess Probation Officer ghamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat bl-Att IV ta' 2014 fejn esponiet is-segwenti:

Illi b'sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Klinsmann Grech moghtija fl-1 ta' Marzu 2017, fejn il-Qorti, wara illi rat l-ammissjoni tal-akkuzat Klinsmann Grech, sabet lill-istess akkuzat hati talli fis-sena 2015 b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti fil-fond maghruf bhala 'Frisk tal-Bidnija' li jinsab Shop 1, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann:

1. Minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk, liema reat sar f'post minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu jew bi pregudizzju ta' terzi, meta l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat, sew vera, sew fittizja, ghamilha facli ghalih li jaghmel dan ir-reat;

2. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, minghajr awtorizazzjoni installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered, varja jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema reat sar f'post minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu jew bi pregudizzju ta' terzi, meta l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat, sew vera, sew fittizja, ghamilha facli ghalih li jaghmel dan ir-reat;

3. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, minghajr awtorizazzjoni uza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer, liema reat sar f'post minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghek jew bi pregudizzju ta' terzi, meta l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat, sew vera, sew fittizja, ghamilha facli ghalih li jaghmel dan ir-reat;

4. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, ikkommetta serq ta' valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37), ghad-dannu ta' Pauline Sant, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;

5. U aktar talli billi b'mezz kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn hames mitt euro (Euro 500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (Euro 5000) ghad-dannu ta' Pauline Sant.

6. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, bi hsara ghall-haddiehor, ghamel xi qliegh iehor ta' aktar minn hames mitt euro (Euro 500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (Euro 500) b'qerq ghad-dannu ta' Pauline Sant.

Illi l-Qorti dakinhar wara illi Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli 18, 337 (C) (1) (A), 337 (F) (3) (A)m 267, 268 (D), 279 B), 280 (1) (B), 308, 310 (1) (B) u 17 (B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq skorta ta' ammissjoni volontarja u inkondizzjonata sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u a tenur tal-Art. 7 tal-Kap 446, tordna illi l-imputat jigi mpoggi taht ordni ta' probation ghal sitt xhur mid-data tas-sentenza. Ordnat ukoll illi fl-intier tieghu, l-Art 24 tac-citat Kap 446 ordnatlu jhallas id-danni kif miftiehem mal-parti leza.

Il-Qorti, qabel ma ħarġet l-ordni tal-probation, fehmet lill-ħati l-effetti kollha tal-ordni u l-fatt li, f'kaz li jikkonformax mal-ordni mogħtija lilu, l-akkużat jista' jingħata sentenza għall-akkużi miġjuba quddiem il-Qorti fil-proċeduri odjerni.

Il-Qorti, rat illi fl-10 ta' April 2018, deher l-akkuzat u rat id-denunzja.

Semghet lill-probation officer Anabel Bugeja.

In vista tax-xhieda tal-istess Probation Officer, il-Qorti ttih twissija.

**Francesco Depasquale**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**